# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Ottubru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Gilbert Busuttil**

**Kumpilazzjoni Nru: 415/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gilbert Busuttil u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 586785M

1. Akkuzat talli fit-28 ta' Marzu, 2017 f'xi hinijiet minn vettura ghamla Leyland Cruiser numru ta' registrazzjoni DBA 397 fit-Triq Hal Farrug Limiti ta' Hal Luqa ikkommetta serq ta' cekk APS numru 13 akkont numru 77 105:20001155937 liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Antoine Mifsud mill-Gudja u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.
2. Akkuzat alli fit-28 ta' Marzu, 2017 u zminijiet wara f'dawn il-gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' iffalsifika cekk APS numru 13 akkont numru 77 105:20001155937 ta' Antoine

Mifsud u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor despositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi fis-Swatar u f'dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar €400 ghad-dannu ta' Antoine Mifsud mill-Gudja u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.
4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxiehom jew ibieghhom.
5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu mill-istess cekk falsifikat.
6. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi Gilbert Busuttil naqas milli jhares xi wahda u/ jew aktar iktar minn wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta u cioe' dak li ma' jikkommettiex reat iehor ta' natura volontarja
7. Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, tirrevoka 'Contrario Imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll is-somma ta' €500 bhala depositu u €7,000 bhala garanzija personali imposti mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Ukoll talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati.
9. Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hejkk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u dan wara li l-Qorti wissietu

bil-konsegwenzi ta’l-ammissjoni u x’piena jikkomportaw ir-reati li bihom gie imputat.

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li r-raba imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq. Huwa iddikjara ukoll, b’referenza ghas-sitt u ghas-seba imputazzjoni, li permezz ta’ sentenza mghotija ricentement din il-Qorti kif diversament presjeduta gja rrevokat il-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat u anke ordnat il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 167, 169, 261(g), 271(g), 289, 308, 309, 310(1)(c) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija u b’applikazzjoni ta’l-artikoli 28A u 28B ta’l-istess Kapitolu 9 qed taghzel li titratta mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fil-11 ta’ Novembru 2014 b’mod li qed tirrendi ezekuttiva dik is-sentenza permezz ta’ liema l-imputat gie ikkundannat sentejn prigunerija. Peress li din il-Qorti kif diversament presjeduta gja rrevokat il-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat u anke ordnat il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali it-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba dedotta fis-seba imputazzjoni.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin biex jassigura li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarji kontra l-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**